VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 68

fl-Uffiċċju tal-Kunsill, **il-Ħamis 22 ta' Novembru, 2012 fis-6.30 p.m**.

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, l-Viċi Sindku Joseph Spiteri u l-Kunsillieri Valerie Borg, Vincent Farrugia, Peter Buontempo, Raymond Azzopardi u Mario Camenzuli.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 67 li saret nhar it-Tlieta, 2 ta'Ottubru 2012, kienu konfermati. Raymond Azzopardi u Mario Camenzuli ma approvawx il-minuti.

Sur Alfred Grixti, s-Sindku ta' Ħaż-Żebbug tagħha *presentation* fuq *European Forum for Urban Security.* Din hija għaqda li taqgħa taħt il-kappa tal-Kunsill ta' l-Ewropa, ibbażata f'Parigi magħmula min 17 il-pajjiz ewropew u hemm affiljata madwar 300 belt. L-Uniku Kunsill Malta li huwa membru huwa dak ta' Ħaż-Żebbug, fejn fis-seminar li ġie organizzat fl-2011 ġew eletti fl-eżekuttiv. F'Marzu ta' l-2012, saret l-ewwel laqgħa ta' l-eżekuttiv ġewwa Ħaż-Żebbug u f'Ġunju ta' istess sena intlaħaq qbil biex sa 2 oħra jidħlu membri sa 10 bliet jew irħula min Malta. Sur Alfred Grixti tkellem l-ewwel mal-Kunsill tal-Belt peress li huwa Kunsill immexxi min Sindku proattiv u huwa l-Kunsill Lokali mhux biss tal-Belt Kapitali ta' Pajjizna imma tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura. Il-Mizata ta' sħubija hija dik ta' 1000.00 fis-sena. Hu Jemmen li jekk ikun hemm 10 membri jew aktar inkunu nistaw naċċessaw għal-fondi ta' EUhekk kif gara fil-kas ta' l-Ungerija. Dawn il-fondi ntużaw biex isiru Surveilliance Cameras, awareness activities, courses for ex PC. Dan kollu jghin biex din is-sistema tkun proattiva u tnaqqas il-Criminalita'. Peter Buontempo saqsa jekk ma jidhlux l-ghaxar membri tieqafx. Sindku saqsa għal opinjoni tal-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel li għandu kun parti min dan l-grupp.

Chris Pullicino spjega l-evalwazzjoni li saret fuq it-tenders li nħargu:

- Pavimentar ta' Sqaq l-Iljuni – 2 offerti – Camray Ltd. Fuq bażi li kienet l-orħos offerta. Raymond Azzopardi staqsa jekk Camray Ltd. Qatt għamel xi xogħol lill-Kunsill Lokali. Is-Segretarja nfurmat li dawn għamlu sqaq Toni Bajjada. Kullħadd qabel li sar xogħol sew.

- PV Panels – 6 offerti – Solar Solutions. Dan għaliex laħaq l-għola rata ta' effiċjenza fil-prodott offrut. Is-Sindku nforma li din hija skema iffinazjata mid-dipartiment tal-gvern lokali.

Fir-rigward tad-tenders tal-Iskart gew pprezentatti id-*detailed grids* li gew annessi mal-Evaluation reports rispettivi. F'Kull kas gie osservat li:-

- Knis taż-żona residenzjali. – 3 offerti – Gie spjegat fid-dettal l-evaluation criteria ta' din it-tender. Tqajjem il-punt fejn wieħed mit-tenderes qed joffri servizz ta' uffiċju fil-Belt. Is-Sindku qal li mill-esperjenza li għanda tal-Bulky refuse fejn jistgħu jikkuntatjaq direttament lil persuna li qed toffri s-servizz din tista titqies bħala *asset* affini ta' Customer Care. Ilkoll qablu li l-kuntrattur għandu jingħata probation ta' 3 xhur. Raymond Azzopardi saqsa jekk dan it-tender ngħatax fuq il-prezz jew fuq il-punti kif ukoll għaliex intalab li

jkollu uffuċju l-Belt. Is-Segretarja nfurmat li t-tenders li ħargu kmieni fil-bidu tas-sena kellhom l-istess requirements. Is-Sindku nforma li dan qed isir biex intejbu s-servizz għar-residenti tal-Belt. Raymond Azzopardi saqsa x'esperjenza għandu Mario Muscat f'dan il-qasam għax min informazzjoni li ġabar dan huwa dealer tal-karozzi u aktar kmieni din is-sena inxtara l-van tal-Kunsill min għandu. Is-Sindu nforma li dan m'għandu x'jaqsam xejn u kullħadd għandu dritt li jitfa tender, u li jekk jidirlu li hemm xi ħaga ħażina jmur għand il-Pulizija. Raymond qal li sempliċiment qed jgħid li hu qed jagħti nformazzjoni li ġabar hu. Is-Sindku qallu li jista joħrog li jrid peress li hu ma għamel l-ebda riċerka fuq ħadd. Raymond Azzopardi saqsa jekk għamilx verifika fuq il-persuna. Is-Sindku nforma li Mario Muscat ma jafx min hu. Raymond Azzopardi qal li tajjeb li wieħed jiċekkja għaliex hu lil Anthony Zammit biss jaf min hu, minħabba li hu diga jagħti s-servizz lill-Kunsill. Raymond Azzopardi saqsa għalliex Anthony Zammit kien ekluz. Gie nformat li dan it-tenderer gie eliminat automikament għaliex ta' tefax ir-rati kollha mitluba fit-tender (items 1.3 and 1.4). Raymond Azzopardi saqsa jekk ħadniex into consideration l-esperjenza u staqsa dwar il-klawzola ta-Sub contracting. Gie infurmat li l-ebda tenderer ma kien ser jaghmel subcontracting. Raymond issugerixxa li t-tlett tenders għandhom jingħataw lil istess persuna biex il-Kunsill jingħata prezz aħjar. Is-Sindku talab il-Kunsill jekk jaqblux ma' l-evalwazzjoni u l- Kunsillieri ħadu deċizjoni u qablu li Mario Muscat għandu jirbaħ din it-tender. Raymond Azzopardi astjena minn din id-deċizjoni.

- Tindif (gbir ta' l-iskart) taċ-ċentru kummerċjali – 6 offerti – Gie sġjegat fid-dettal l-evaluation criteria ta' dan it-tender. Raymond Azzopardi saqsa jekk Anthony Zammit mhux se se jixtri xi trakkijiet, Gie nformat li it-trakkijiet li offra Anthony Zammit huma kollha pre 1998 u ma werax fl'offerta l-intenzjoni li jixtri trakkijiet godda. Fl-aħħar tad-diskusjoni, Raymond Attard, Mario Muscat u Saviour Mifsud ikkwalifikaw pero Mario Muscat kellu l-uffiċċju l-Belt għalhekk ġie deċiz li t-tender għandha tingħata lil Mario Muscat. Il-Kunsillieri ħadu deċizjoni u qablu li Mario Muscat għandu jirbaħ din it-tender. Raymond Azzopardi astjena min din id-deċizjoni. Il-Kunsillier Vincent Farrugia ppropona li kien jieħu parir min entita oħra.

- Tindif (gbir ta' l-iskart) taż-żona residenzjali – offerti – Gie spjegat fid-dettal l-evaluation criteria ta' din it-tender. F'din is-sejħa għal

offerti kien hemm citerea ta' Waste Compactors u kuntrattur wieħed biss tagħna din l-option. Raymond Azzopardi saqsa jekk din mhux major item għal adjudication kif ukoll jekk  nikun hemm bzonn jiżdiedu l-iskips pero bin-numru ta ġbir kif inhu fit-tender suppost l-affarijiet ser jitrangaw. 3 tenders għaddew mill-marki ta' eligibility. Sar qbil li l-Kunsill għandu jitlob kjarifika lil Victor Borg and Antoine Bartolo dwar il-ġbir ta' l-iskips minħabba l-fatt li qed jgħid li dan ser isir minajr ħlas.

Is-Segretarja nfurmat li tablet rapport lil Works Coordinator dwar is-servizz tal-gbir ta' l-iskart attwali.

Il-Kunsillier Raymond Azzopardi astjena min kull evalwazzjoni tat- 3 tenders tat-tindif.

**1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 IL-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li xtaq jagħmel kjarifika dwar id-direttiva biex ma jattendux għal laqgħa tal-Kunsill. Dawn ma attendewx fuq azzjoni personali u mhux fuq direttiva tal-Partit Laburista. Il-Kunsilliera Valerie Borg qalet li Raymond Azzopardi kien ċemplilha u bagħtilha messaġġ fejn qal li d-direttiva hija mill-Partit Laburista.

1.2 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi saqsa dwar il-kuntratt ta' l-attivita ta' Lejljiet l-Ewwel tas-sena u S-Sindku nforma li kien preżentat waqt il-laqgħa 68.

1.3 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi saqsa dwar d-diskussjoni li kellu l-kunsill waqt laqgħa 68 dwar il-ġbir ta' l-iskart fejn kwota lil Viċi Sindku Joseph Spiteri dwar in-nuqqas ta' qbil fil-ħinijet tal-ġbir ta' l-iskart. Il-Viċi Sindku nforma li hu ma oggezjonax għal ġbir ta' skips iżda qal li jkun ta' inkonvenjent jekk il-ġbir door to door isir fil-għodu.

1.4 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi saqsa dwar il-monument ġewwa Hastings li ġie pproponut fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku nforma din id-deċiżjoni ttieħdet fl-aħħar laqgħa no.68.

1.5 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi qal illi fil-minuti kien hemm kundanna unanima għal agir tiegħu fil-konfront tas-Segretarja  fejn saqsa jekk ittieħedx vot u jikkundanna din it-tattika malizjuza li qed tintuza kontrih għax hu qal li ma aġġredixxa lil ħadd. Il-Kunsillier Azzopardi nforma lil Kunsill li l-Avukat Generali w l-Pulizija tkellemu miegħu u nfurmawh li fil-

kas ta' *Harassement* li għandu mas-Segretarja ma sabu xejn fuq xiex jakkuzawh.

1.6 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi talab li jiġu emendati l-minuti fejn hu staqsa dwar il-kuntratt ta greenmt u mhux allega.

1.7 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi saqsa dwar il-kundanna tal-kunsill dwar l-artiklu fil-gazzetta Orizzont. Hu saqsa jekk ittieħidx vot. Kien hemm qabil unanimu pero Valerie Borg qalet li hi ma kkummentatx.

1.8 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi saqsa kif tneħħew ċertu niex mill-facebook page tal-Kunsill u kif qed jigu aċċetati avvizi kummerċjali. Is-Sindku għamel referenza għal minuti 68.

1.9 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi saqsa jekk ittieħedx vot dwar l-ispejjes ta' Awwissu u Settembru.

1.10 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi saqsa dwar il-files tal-ħaddiema u s-segretarja nfurmat li jista jara l-informazzjoni li jixtieq fl-uffiċċju pero mhux jnħargu barra mill-Uffiċċju.

1.11 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi saqsa għalxiex fil-minuti kien hemm li l-uffiċċju tas-seġretarja ser ikun imsakkar. Din rrispondiet li din kienet miżura ta'sigurta.

1.12 Il-Kunsillier RaymondAzzopardi staqsa lis-Sindku jekk fuq il-materji li hemm imnizla fil–minuti 67 jekk ittiħdux vot. Is-Sindku nforma li la kien hemm qbil bejn il-Kunsillieri kollha ma kienx hemm bzonn li jittieħed vot.

1.13 Is-Sindku nforma li wara li beda l-iskavar f'Peacock Garden instabu xi 'casemates'. Saret *ruling* mis- Superintendence for Cultural Heritage biex jiġu nkorporati fil-proġett u jibqgħu jidhru. Għalhekk saret *submission* għal *minor amendment* mal-MEPA. Wara xi mistoqsijiet min naħħa tal-Kunsillieri, s-Sindku nforma li l-proġett ser jitlesta fiż-żmien stipulat.

1.14 Is-Sindku nforma li r-railings waslu l-freeport u għalhekk għandhom jkunu fil-post dalwaqt.

1.15 Is-Sindku r-risponda il-mistoqsijiet li saruli min Mario Camenzuli.

**2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku nforma li l-Kunsill rċieva l-kuntratt ta'l-uffiċju l-ġdid. Qed isiru d-diskussjonijiet biex naraw meta l-AG ser jiċċaqlaq min dan l-uffiċju.

2.2 Is-Sindku nforma li l-Kunsill iffomula l-Bye law dwar bejħ ta' avviżi fit-toroq tal-Belt Kapital. Il-Kunsill ser jippreżenta d-dokument lid-dipartiment biex jiġi ppublikat. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.3 Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mar-Regjun u l-Authorised Officer biex jesprimu d-diżappunt dwar is-servizz diżastruż li qed ituna. Il-Kunsill qed jidher ikrah u anke kien hemm posts fuq l-facebook fejn weħel il-Kunsill meta mhiex il-kas.

2.4 Is-Sindku nforma li l-Kunsill ser jagħti s-sehem tiegħu bħal kull sena fil-President Fun Run. Ser ikun hemm l-Banda King's Own u l-Valletta Ensemble. L-Banda La Valette ddeċidiet li din is-sena ma tieħux sehem. It-tindif għal din is-sena bħas-sena l-oħra ser jieħu ħsiebu l-Cleansing Department. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.5 Is-Sindku nforma li Kunsill ser japplika għal-Memo 38/2012 Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013. Ser isiru żewg applikazzjonijiet, waħda għal-Lejliet l-Ewwel tas-sena u l-oħra għal- *Nights in the City.* Il-Kunsill qabel dwar dan. Is-Sinkdu nforma li ser isiru attivitajiet għal perjodu tal-Milied mill-Gvern Centrali bejn il 15 u 24 ta' Diċembru 2012.

2.6 Is-Sindku nforma li Kunsill ser japplika għal Memo 45/2012 Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013. Ser issir applikazzjoni biex jiġi rrangat l-Main Guard. L-Ufficcju l-ġdid tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.7 Is-Sindku nforma li l-Kunsill kellu diskussjonijiet tar-Republic street Business Community dwar l-GO Mobile kiosk li s-soltu jintrama fiPjazza l-Assedju. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.8 Is-Sindku nforma li l-expression of interest ta' Landscape Architect ser jigu evalwati mill-konsulenti u ser isir rapport biex jigi preżentat waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

2.9 Is-Sindku nforma li ser ikun hawn il-European Film Awards u ta' id-dettalji

**3. KORRISPONDEZA**

3.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Transport Malta fejn gie nfurmat min Audrey Testaferrata de Noto li kienu tneħħew xi *parking bays* min St. Paul's street. Wara ftit il-Kunsill rċieva korrispondenza oħra min għand Susanna Bonello li dawn l-parking bays ma kienux approvati min Transport Malta. Is-Segretarja nfurmat lil Susanna Bonello li il-kunsill kien kontra u li ma ġiex ikkonsultat dwar dawn l-parking bays. Infatti, l-parking bays reġgħu nżebgħaw kif kienu.

3.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand TCTC biex jergħu ssiru Courses ta' ICT għal nies bil-Belt. L-Kunsill ingħata offerta li TCTC toffri 75 post għal course LEARN IT għal-adulti, genituri, nisa tad-dar, anzjani kif ukoll 12 il-post għal student li jixtiequ jagħmlu ECDL START. Dan kollu għal prezz ta' €1100.00. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.3 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Malta Post biex il-kunsill jikkunsidra li bħas-sena l-oħra, jawtorizza il-ħrug tal-permessi neċessarji biex il-Maltapost tkun tista tarma Uffiċju Postali temporanju fi Pjazza L-Assedju matul ix-xahar ta Diċembru. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Dipartiment tal-Promozzjoni Tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard bl-iskop li inressqu aktar żgħażagħ lejn l-eżerċizzju fiżiku. Din l-attivita' ser issir nhar il-Ħadd 25 ta Novembru 2012 f'ta'Qali Health and Fitness Centre.

3.5 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Għaqda tal-Pawlini dwar *No objection* biex issir il-Festa u jittela nar bħal-kull sena. Il-Kunsill gie nfurmat li l-festa din is-sena ser issir nhar il-Ħadd 27 ta' Jannar, u jekk it-temp ma jippermettix issir nhar is-Sibt 2 jew il-Ħadd 3 ta' Frar 2013. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.6 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand ic-Chinese Cultural Centre biex bħal kull sena il-Kunsill jieħu sehem u niċċelebraw flimkien iċ-*Chinese Spring Festival 2013*. Il-Kunsill bħal kull sena ser jalloka €4,000 mill-budget ta' l-attivitajiet għal dan il-għan.

3.7 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand BOV biex isiru laqgħat ta'informazzjoni mar-Residenti tal-Belt. Il-Kunsill qabel dwar dan. It-Town Centre Manager ser jikkoordina u jitkellem ma BOV.

3.8 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Transport Malta dwar drilling ta' Earth Electrodes f toroq ġol-Belt. Dan qed isir bi preparament għas-sistema l-ġdida ta' bollards u cctv cameras.

3.9 Il-Kunsillier Mario Camezuli talab li jsiru zewg bollards quddiem il-garage tal-Palazz ta' l-isqof.

3.10 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Arċipriet ta' San Pawl, fejn qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex l-Knisja Parrokkjali ssir aċċessibli. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ma'l-Arċipriet.

**4. AMMINISTRAZZJONI**

4.1 Is-Seġretarja nfurmat li ser jiħarġu it-Tenders

4.1.1 Tender Belveder taħt il-Qanpiena.

4.1.2 Call for quotes Magazine tal-Kunsill.

4.1.3 Call for quotes Direttorju.

4.1.4 Call for quotes Tindif tal-Culverts.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.2 Is-Seġretarja ppreżentat quotation ta' Dog litter bins. Il-Kunsill qabel dawn. jinxtraw.

4.3 Is-Seġretarja ppreżentat korrispondenza mill-Heritage Europe dwar il-Membership li kienet ilha ma titħallas. Minħabba l-kariga l- għandna fil-European Walled Towns tajjeb li nkunu parti min din l-għaqda. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.4 Is-Seġretarja ppreżentat rapport magħmul min Joseph Griffiths Works Coordinator dwar ftit min nuqqasijiet tal-Kuntratturi tal-ġbir ta' l-iskart li għandu bħalissa l-kunsill lokali li xejn ma jagħtu gieħ lil Belt Kapitali.

**TMIEM**

Fis-9.30pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar l-Erbgħa 5 ta' Diċembru 2012 f'nofs in-nhar u wara l-Kunsillieri jmorru jieklu flimkien.
Sar ukoll qabil li l-laqgħa ma tibqax issir daqshekk tard fuq talba tal-Kunsillier Peter Buontempo. Il-Kunsill qabel dwar dan.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku